**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawża Nru: 429/11**

**Illum: 26 ta' Frar, 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Tano Zammit Cordina**
**(ID 375088(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat Tano Zammit Cordina ta' 23 sena, iben Stephen Carmel u Maria Dolores nee` Muscat, imwieled il-Pieta`, nhar it-3 ta' Awwissu 1988, residenti 3, Blokk K, Godsend, Triq Is-Sebgħa u Għoxrin Ta' April, Mtarfa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 375088(M);

Akkużat talli f'dawn il-Gżejjer, nhar it-18 ta' Ġunju 2011, kif ukoll fix-xhur qabel din id-data:

a) Ikkoltiva l-pjanta tal-kannabis bi ksur tal-Artikolu 8(ċ) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta cannabis kollha kemm jew biċċa minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Ordinanza dwar il-Mediċi Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta` Malta;

c) Kif ukoll talli sar reċidiv wara żewġ sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, Maġistrat Dr. Anthony J. Vella LL.D nhar l-14 ta' Novembru 2007, liema sentenzi saru definittivi.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-każ u d-dokumenti esebiti, inkluż l-Ordni ta' l-Avukat Ġenerali bis-saħħa tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101), sabiex din il-kawża tinstema' minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2014, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qegħdin jeżentaw lil din il-Qorti, kif preseduta, milli terġa' tisma' l-provi kollha mressqa sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2017, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi dan il-każ huwa konness ma' żewġ kawżi oħra u cioe` 'Il-Pulizija vs Lydn Paul Brincat' u 'Il-Pulizija vs Isaac Zammit Cordina', li f'dawn it-tlett każijiet nstabu b'kollox tliet pjanti u illi kull imputat għandu jwieġeb għal pjanta waħda biss;

Rat ukoll illi wara din id-dikjarazzjoni, u fl-istess seduta tal-20 ta' Marzu 2017, l-imputat irreġistra ammissjoni dwar l-imputazzjonijiet (a) u (b) miġjuba kontra tiegħu;

Semgħet it-trattazzjoni finali tad-difiża u rat illi l-Prosekuzzjoni rrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi fit-18 ta' Gunju 2011, fuq skorta ta' mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront ta' Isaac Zammit Cordina, pulizija mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga, għamlu tfittxija ġewwa l-fond bin-numru 3, Block K, 'Godsend', Triq is-27 ta' April, Imtarfa, u ċioe` ir-residenza tal-istess Isaac Zammit Cordina, ħu l-imputat odjern, wara li dan ġie osservat ħiereġ mill-fond minn PC 923 Pierre Guido Saliba. Mix-xhieda ta' PC 213 Nicolai Borg jirriżulta illi fil-gallerija tal-fond imsemmi nstabet pjanta tal-cannabis. Sussegwentement, Isaac Zammit Cordina wera lill-pulizija żewġ pjanti oħrajn, li kienu jinsabu barra.[1] PC 923 Pierre Guido Saliba jikkonferma illi barra,

[1] Ara din ix-xhieda a fol. 37 u 38 tal-proċess.

f'għalqa viċin ir-residenza, instabu żewġ pjanti oħra fuq informazzjoni mogħtija mill-istess Isaac Zammit Cordina, liema pjanti kienu ikbar minn tal-ewwel.[2]

Mir-ritratti formanti parti mir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PC 1253 Frederick Brincat, maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta dwar dan il-każ, jidhru t-tlett pjanti li ġew elevati fil-jum in kwistjoni: waħda twila madwar 26 pulzier[3], oħra twila madwar 30 pulzier[4] u l-iżgħar pjanta twila madwar 12-il pulzier[5].

Mir-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, ukoll maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti fil-mori tal-inkjesta, jirriżulta illi huwa ngħata żewġ dokumenti għall-analiżi tiegħu ossia:

a) *Envelope* tal-Gvern ta' Malta li fuqu kien hemm il-kliem "Isaac Zammit Cordina, Lydn Paul Brincat, 1 plant 37.9 grams, PG no. 1". F'dan l-*envelope* kien hemm pjanta;

b) Borża tal-karti ta' lewn abjad li fuqha kien hemm il-kliem "Tano Zammit Cordina, 2 plants 351.4, PG no. 2". F'din il-borza kien hemm zewg pjanti.

Skont l-istess relazzjoni, saret analiżi fuq il-tlett pjanti għall-presenza ta' *trichomes*, fattizi dawn li jinstabu fuq il-werqa tal-pjanta tal-cannabis. Saret ukoll analiżi għall-presenza tas-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)*, sustanza li tinstab fl-istess pjanta.

Skont il-konklużjonijiet tal-istess espert:

a) L-eżamijiet li saru fuq it-tlett pjanti taw kollha riżultat posittiv għall-presenza ta' *trichomes*;

b) It-tlett pjanti, li l-piż nett totali tagħhom kien ta' 82.9 grammi (mingħajr għeruq) kienu pjanti tal-cannabis. F'dawn il-pjanti nstabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol (THC)* u l-purita` għal din is-sustanza kienet ta' ċirka 5.1%. Il-pjanta tal-cannabis hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima III, Sezzjoni 8 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

---

[2] Ara din ix-xhieda a fol. 32 sa 35 tal-proċess.
[3] Ara ritratt tal-pjanta Ref: 111124-BRF 104, a fol. 21 tal-proċess.
[4] Ara ritratt tal-pjanta Ref: 111124-BRF 105 a fol. 22 tal-proċess.
[5] Ara ritratt tal-pjanta Ref: 111124-BRF 106 a fol. 23 tal-proċess.

Mill-istess relazzjoni jirriżulta wkoll illi t-tlett pjanti kellhom piż rispettiv ta' 5.4 grammi, 15.7 grammi u 61.8 grammi. Dan il-piż jeskludi l-piż tal-għeruq.[6]

**Ikkunsidrat ukoll:**

L-imputat irrilaxxja stqarrija lill-pulizija nhar it-18 ta' Ġunju 2011, wara li ngħata s-solita twissija skont il-liġi u wara li ngħata wkoll id-dritt illi jottjeni parir legali qabel l-istqarrija tiegħu, liema dritt huwa għażel li ma jeżerċitahx.[7] Fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2018, id-difiża eċċepiet l-inammissibilita` ta' din l-istqarrija u dan stante illi l-imputat ma ngħatax id-dritt għall-assistenza legali waqt l-interrogatorju tiegħu. Fil-fatt dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern għaliex daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018, fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**, f'liema każ fl-istqarrijiet tiegħu, ir-rikorrenti minkejja li qabel irrilaxxja l-ewwel stqarrija, kien ingħata parir mingħand l-avukat tiegħu li f'dak l-istadju ma jgħid xejn lill-pulizija, huwa xorta waħda rrisponda għad-domandi waqt l-interrogatorju li sarlu, bir-riżultat li stqarr fatti li kienu inkriminanti għalih, in kwantu ammetta li kien jixtri d-droga kemm għall-użu personali tiegħu, kif ukoll sabiex ibiegħ minnha lil terzi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk dwar l-istqarrijiet rilaxxjati mill-istess rikorrenti mingħajr il-jedd ta' assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu:

"*36. Mill-premess jirrizulta manifest li l-istqarrijiet rilaxxjati mir-rikorrent ser ikollhom kif fil-fatt gja` kellhom quddiem il-Qorti Kriminali impatt fil-proceduri kriminali, mhux in kwantu ghall-ammissjonijiet, izda in kwantu l-kontenut taghhom kien ittiehed in konsiderazzjoni fil-quantum tal-piena imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, u issa huwa car li anke l-Qorti tal-Appell Kriminali ser tiehu konsiderazzjoni tal-kontenut tal-istqarrijiet f'dan ir-rigward. Ghalhekk, ghalkemm il-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ghalhekk ma jistax f'dan l-istadju jigi determinat jekk kienx hemm lezjoni ta' smigh xieraq f'dawk il-proceduri, jekk l-istqarrijiet jithallew fil-process tal-proceduri kriminali, dawn wisq probabbilment ser isir uzu minnhom mill-Qorti tal-Appell Kriminali bi pregudizzju jew vantagg ghall-akkuzat fil-kwantifikazzjoni tal-piena, kemm dik karcerarja kif ukoll ghal dak li tirrigwarda l-multa li tista' tigi imposta.*

*37. Fid-dawl tal-premess <u>it-tehid tal-istqarrijiet zgur li ser ikollhom impatt fuq l-ezitu tal-process kriminali u, ladarba dan isir, x'aktarx ser isir ksur tad-dritt tal-rikorrent ghal smigh xieraq tenut kont tal-fatt li dawn gew rilaxxjati mir-</u>*

[6] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 42 sa 46 tal-proċess.
[7] Ara l-istqarrija tal-imputat, a fol. 9 sa 10 tal-proċess.

*rikorrent fl-assenza ta' avukat li jassistih. Ghalhekk huwa xieraq li, filwaqt li f'dan l-istadju ma jistax jinghad jekk kienx hemm lezjoni ta' dan id-dritt fundamentali tar-rikorrent peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti, dawn ma jithallewx jibqghu fl-inkartament tal-process kriminali.*" [sottolinear tal-Qorti]

Allura minkejja illi r-rikorrenti f'dak il-każ, kien ingħata l-jedd li jikkonsulta ma' avukat qabel l-ewwel interrogatorju tiegħu u anke eżerċita dan il-jedd, il-Qorti ordnat illi l-istqarrijiet tiegħu ma jitħallewx fl-inkartament la darba kien ser ikollhom impatt fuq l-eżitu tal-proċess kriminali in kwantu l-piena u dan stante illi ma ngħatax il-jedd għall-assistenza legali waqt l-interrogatorji tiegħu. Din kienet ukoll il-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tal-20 ta' Novembru 2018, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia**, f'liema każ dik il-Qorti skartat bħala inammissibbli l-istqarrijiet tal-imputata, waħda minnhom ġuramentata, u dan għaliex għalkemm hija ngħatat id-dritt li tottjeni parir legali qabel l-istqarrijiet tagħha, liema dritt bħal fil-każ odjern hija għażlet li ma teżercitahx, madankollu hija ma ngħatatx id-dritt li tkun assistita minn avukat waqt l-interrogatorji li sarulha u dan stante li dan id-dritt ma kienx għadu viġenti fiż-żmien in kwistjoni.

Iżjed riċenti mbagħad, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) vs Aldo Pistella** tal-14 ta' Diċembru 2018, f'liema każ l-appellat kien ingħata l-jedd li jottjeni parir legali qabel l-interrogotarju tiegħu u anke eżerċitah, iżda ma ngħatax il-jedd li jkun assistit minn avukat waqt dan l-interrogatorju, stante illi anke f'dak il-każ, fiż-żmien in kwistjoni, dan il-jedd ma kienx viġenti fil-liġi Maltija, il-Qorti Kostituzzjonali reġgħet irribadiet il-konklużjonijiet tagħha fis-sentenza preċedenti fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et**:

"*14. Għalkemm, bħall-ewwel qorti, taqbel mal-appellanti illi f'dan l-istadju għadu ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, madankollu, kif osservat fil-każ ta' Malcolm Said, il-qorti xorta hija tal-fehma li ma jkunx għaqli li l-proċess kriminali jitħalla jitkompla bil-produzzjoni tal-istqarrija tal-akkużat Pistella ladarba din, għallinqas f'parti minnha, ittieħdet mingħajr ma Pistella kellu l-għajnuna ta' avukat. Għalhekk, għalkemm għadu ma seħħ ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, fiċ-ċirkostanzi huwa għaqli illi, kif qalet l-ewwel qorti, ma jsir ebda użu mill-istqarrija fil-proċess kriminali sabiex, meta l-proċess kriminali jintemm, ma jkunx tniġġes b'irregolarità – dik li jkun sar użu minn stqarrija li ttieħdet mingħajr ma l-interrogat kellu l-għajnuna ta' avukat – li tista' twassal għal konsegwenzi bħal tħassir tal-proċess kollu.*"

Issa f'dan il-każ, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat għamel dikjarazzjonijiet inkriminanti u għalhekk m'hemmx dubju illi din kienet ta'

preġudizzju għalih. F'dawn iċ-ċirkostanzi u fid-dawl tas-sentenzi fuq ċitati u anke tal-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna u tal-Qorti Ewropea li għalihom issir referenza fl-istess sentenzi, il-Qorti ser tiskarta l-istqarrija tal-imputat odjern, kif ukoll kwalunkwe referenza għal tali stqarrija bħala inammissibbli. Naturalment dan japplika wkoll għad-dikjarazzjonijiet li għamel l-imputat qabel irrilaxxja l-istqarrija tiegħu bil-miktub u għal kwalunkwe xhieda li tagħmel referenza għal tali dikjarazzjonijiet.

**Ikkunsidrat ukoll**:

Illi kif ingħad, fil-mori ta' dawn il-proċeduri, l-imputat irreġistra ammissjoni fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (b) miġjuba kontra tiegħu.

Dwar dan fis-sottomissjonijiet finali tagħha, id-difiża tgħid illi "*kważi kważi*" kien fid-dawl tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat *a tempo vergine,* illi huwa rreġistra l-ammissjoni tiegħu f'dawn il-proċeduri. Id-difiża mbagħad għaddiet biex tagħmel referenza minn naħa l-waħda għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Ġenerali et** tal-5 ta' Ottubru 2018 u min-naħa l-oħra għas-sentenza fl-ismijiet **Brian Vella vs Avukat Ġenerali** ukoll deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-14 ta' Diċembru 2018. In suċċint, fl-ewwel sentenza, minkejja d-deċiżjoni tagħha li l-istqarrijiet tal-imputat ma jibqgħux fl-inkartament tal-proċess kriminali fil-konfront tiegħu, il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet illi l-għażla tar-rikorrenti li jammetti għall-akkużi kienet ittieħdet meta kien legalment assistit u meta wkoll il-Qorti kienet tatu żmien sabiex jaħsibha, iżda r-rikorrenti baqa' jinsisti fuq l-ammissjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, fit-tieni sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali kkunsidrat illi ma kinitx qegħda taqbel mal-ewwel qorti meta din qalet illi ma sarx użu mill-istqarrija. Skont dik il-Qorti, huwa minnu illi s-sejbien ta' ħtija kien imsejjes fuq l-ammissjoni tar-rikorrenti quddiem il-Qorti, meta allura kellu l-għajnuna ta' avukat, iżda ma setgħetx titwarrab għal kollox il-possibilità illi, kif qal ir-rikorrenti fl-appell tiegħu, dik l-ammissjoni kienet kondizzjonata bil-fatt illi huwa kien diġà stqarr ħtija meta għamel l-istqarrija lill-pulizija bla ma tħalla jkellem avukat. Għaldaqstant, f'dan l-aħħar każ, il-Qorti ordnat it-tħassir tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-konfront tar-rikorrenti u li l-proċess kriminali kontrih jinbeda mill-ġdid quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, presjeduta minn maġistrat ieħor, wara li titneħħa mill-inkartament l-istqarrija tal-attur u kull referenza għaliha.

Issa fil-każ odjern, il-Qorti tqis illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri, wara li l-imputat irreġistra ammissjoni dwar l-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, huwa qatt ma wera l-iċken ħsieb li jirtira din l-ammissjoni tiegħu u ċertament illi fl-ebda waqt ma għamel talba f'dan is-sens. Effettivament lanqas fit-trattazzjoni tagħha, kważi sentejn wara din l-ammissjoni, id-difiża ma

tgħidx illi kienet qegħda tattakka din l-ammissjoni jew inkella tirtiraha, iżda sempliċiment tagħmel referenza għas-sentenzi fuq imsemmija sabiex skont hi, imbagħad, tkun il-Qorti li tiddeċiedi dwar dan il-punt. Fil-fehma tal-Qorti madankollu, apparti illi hija m'hijiex kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar kwistjonijiet ta' natura kostituzzjonali, dak li għandha preżentament quddiemha, hija ammissjoni da parti tal-imputat, liema ammissjoni anke skont l-istess difiża fit-trattazzjoni tagħha, mhijiex qegħda tiġi impunjata. Donnha d-difiża ħassitha inċerta dwar il-mod kif hija għandha timxi minħabba dak li hija tgħid huma sentenzi kunfliġġenti tal-Qorti Kostituzzjonali, u għalhekk dehrilha li għandha tqajjem dan il-punt fit-trattazzjoni tagħha, fil-waqt illi fl-istess ħin tikkonferma li ma kinitx qegħda tirtira l-ammissjoni. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti ma tqisx illi għandha tinoltra ruħha iżjed f'din il-kwistjoni.

Jirriżulta wkoll mill-atti illi l-pulizija waslet għall-imputat odjern, mhux għax dan kien fuq il-post fil-jum in kwistjoni, iżda għaliex matul l-investigazzjoni Isaac Zammit Cordina, li kien qed jiġi investigat in konnessjoni ma' din is-sejba, apparti illi għamel dikjarazzjonijiet dwar l-involviment tiegħu f'din il-viċenda, indika lill-imputat odjern bħala l-proprjetarju tal-pjanta li nstabet fil-fond. Biss l-istess Zammit Cordina baqa' ma xehedx f'dawn il-proċeduri u allura la darba ma jsibx applikazzjoni l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, japplikaw fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' Zammit Cordina dwar l-imputat odjern, id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 661 tal-Kap. 9 ossia illi "*Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha, u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra*" – f'dan il-każ għall-imputat odjern.

Għalhekk skartati l-istqarrija tal-imputat u d-dikjarazzjonijiet ta' ħuh fil-konfront tiegħu, il-Qorti hija rinfaċċjata b'ammissjoni da parti tal-imputat odjern dwar l-imputazzjoni ta' kkultivar tal-pjanta tal-cannabis u bis-sejba ta' tliet pjanti, dwar liema ġew investigati tliet persuni, wieħed minnhom l-imputat odjern u bid-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni illi kull wieħed għandu jwieġeb biss għal pjanta waħda. Jekk l-imputat għandux jew le iwieġeb għal pjanta waħda jinċidi direttament fuq il-piena għar-reat ta' kultivazzjoni u dan in vista tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 illi jikkonċedi lill-Qorti l-possibilita` li ma tapplikax il-piena tassattiva ta' priġunerija effettiva altrimenti applikabbli fil-każ ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-cannabis, meta jissussistu ċ-ċirkostanzi hemmhekk indikati. Fiċ-ċirkostanzi stante illi mill-atti ma tirriżultax xi prova ammissibbli illi tista' twassal lil din il-Qorti għall-konklużjoni kuntrarja għad-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni, u a bażi tal-prinċipju illi kull dubju għandu jmur favur l-imputat, il-Qorti qed tqis illi l-imputat għandu jwieġeb għal pjanta waħda biss.

Tqis ukoll illi t-tlett pjanti kellhom piżijiet differenti, bl-ikbar waħda f'piż ta' 61.8 grammi. Il-Qorti tqis ukoll illi għalkemm l-Ispiżjar Mifsud fir-relazzjoni

tiegħu jgħid illi l-piż tal-pjanti ma jinkludix l-għeruq tagħhom, pero` lanqas ma jgħid illi kien qed jeskludi l-piż taz-zkuk, biex b'hekk jibqa' biss il-piż tal-weraq. Tenut kont ta' dan, kif ukoll illi tnejn mill-pjanti kienu ċertament ta' piż żgħir, fil-waqt illi t-tielet pjanta, għalkemm ikbar, lanqas ma kienet ta' xi daqs kbir, tenut kont ukoll tal-fatt illi l-Qorti m'għandhiex prova dwar liema mill-pjanti għandha tiġi abbinata mal-imputat odjern u illi lanqas ma tirriżulta prova illi l-pussess tal-istess pjanti ma kienx għall-użu personali tal-pussessuri, il-Qorti sejra tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537.

Finalment permezz tal-imputazzjoni (ċ), l-imputat ġie addebitat bir-reċidiva u dan permezz ta' żewġ sentenzi ta' din il-Qorti kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Anthony J. Vella. Kif tajjeb qalet id-difiża, madankollu, kopja formali ta' dawn is-sentenza baqgħet ma ġietx esebita mill-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Abela</u>**, deċiża fl-10 ta' Settembru 2004 fejn il-Qorti qalet hekk:

*"Ghalkemm il-fedina penali tista' tittiehed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali biex ikunu jistghu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-recidiva dejjem tinnecessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni precedenti; tali prova ssir permezz ta' kopja legali tas-sentenza jew sentenzi precedenti kif ukoll billi jigi ppruvat a sodisfazzjoni tal-qorti - permezz ta' xhieda jew minn ezami tal-istess sentenza jew sentenzi (jekk din jew dawn ikunu jaghtu l-konnotati mehtiega tal-persuna kkundannata) jew minn ezami tal-atti tal-kawza ta' dik is-sentenza jew ta' dawk is-sentenzi precedenti - li dawk is-sentenzi jirreferu ghall-persuna li tkun qed tigi akkuzata bir-recidiva."*

Għaldaqstant, din l-imputazzjoni ma tirriżultax sodifaċentement ippruvata.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Għal fini ta' piena, apparti l-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti iżjed il'fuq dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 fir-rigward tal-imputazzjoni (a), il-Qorti qegħda tqis ukoll il-fedina penali aġġornata tal-imputat, mil-liema jirriżulta illi huwa nstab ħati ta' reati taħt il-Kap. 65 u l-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta f'żewġ okkażjonijiet, reati kontravvenzjonali u r-reat ta' inġurja sempliċi, kif ukoll r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 334A tal-Kap. 9, dwar liema huwa ngħata darbtejn sentenza ta' priġunerija sospiża, liberazzjoni kundizzjonata u pieni pekunjarji.

Tqis madankollu illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, piena fil-minimu tkun waħda idonea.

**Konklużjoni**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(ċ), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni (ċ) miġjuba kontra tiegħu u qegħda tilliberah minnha, fil-waqt illi fuq ammissjoni, qed issibu ħati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) u qed tikkundannah għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tiġi sospiża għall-perjodu ta' tmintax-il (18) xahar mil-lum u piena ta' multa ta' sitt mitt ewro (€600).

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-ħati fi kliem ċar u sempliċi l-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor punibbli bi priġunerija fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna lill-ħati sabiex iħallas terz[8] tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta ossia s-somma ta' tnejn u għoxrin ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€22.51) rappreżentanti t-terz tal-ispejjeż relatati mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PC1253 Frederick Brincat[9] u s-somma ta' terz tal-ispejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-Ispiżjar Mario Mifsud, liema spejjeż ma jirriżultawx mill-atti. Dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-ħati fi żmien xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tal-pjanti, hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Maġistrat

[8] Il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati sabiex iħallas biss terz tal-ispejjeż konnessi mal-ħatra tal-esperti stante illi dan il-każ kien jinvolvi tlett persuni.

[9] Dawn l-ispejjeż kienu jammontaw għas-somma totali ta' sebgħa u sittin ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€67.54).